




European Securities and  
Markets Authority

# Linji Gwida

**Dwar il-Proċess għall-Kalkolu tal-Indikaturi biex tiġi Ddeterminata l-Importanza Sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru Ospitanti**



## Werrej

<b>Dwar il-Proċess għall-Kalkolu tal-Indikaturi biex tiġi Ddeterminata l-Importanza Sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru Ospitanti .....</b>	<b>0</b>
I. Sommarju Eżekuttiv .....	2
1 Raġunijiet għall-pubblikazzjoni .....	2
2 Kontenut.....	4
3 Il-Passi li Jmiss.....	4
II. Linji Gwida dwar il-Proċess għall-Kalkolu tal-Indikaturi biex tiġi Ddeterminata l-Importanza Sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru Ospitanti .....	5
1 Kamp ta' applikazzjoni.....	5
2 Definizjonijiet .....	5
4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar.....	6
4.1 Status tal-linji gwida.....	6
4.2 Rekwiżiti ta' rapportar.....	6
5 Linji Gwida dwar id-determinazzjoni tal-importanza sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru ospitanti.....	7
5.1 Kamp ta' applikazzjoni tad-data li għandha tiġi rrapportata mis-CSDs.....	7
5.2 Proċess ġenerali għall-ġbir ta' informazzjoni dwar id-data u l-kalkolu tal-indikaturi biex tiġi ddeterminata l-importanza sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru ospitanti .....	9
5.3 Proċess inizjali għall-ġbir tal-informazzjoni dwar id-data u l-kalkolu tal-indikaturi biex tiġi ddeterminata l-importanza sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru ospitanti .....	10
6 Anness .....	11
6.1 Mudelli għall-ġbir ta' data għall-indikaturi ta' importanza sostanzjali .....	11

## I. Sommarju Eżekuttiv

### 1 Raġunijiet għall-pubblikazzjoni

1. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014<sup>1</sup> (CSDR) jistipula diversi miżuri ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u ospitanti fejn CSD jipprovdni s-servizzi tiegħu b'mod transkonfinali. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 24(4) tas-CSDR jistipula li l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti u l-awtoritajiet rilevanti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jistabbilixxu ftehimiet ta' kooperazzjoni formali għas-superviżjoni ta' CSD fejn l-attivitajiet ta' tali CSD ikunu saru "ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u l-protezzjoni tal-investituri" fl-Istat Membru ospitanti.
2. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389<sup>2</sup> jispeċifika l-kriterji li skonthom l-operazzjonijiet ta' CSD fi Stat Membru ospitanti jistgħu jitqiesu li jkunu saru "ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u l-protezzjoni tal-investituri" fl-Istat Membru ospitanti. Sabiex jikkalkulaw l-indikaturi rilevanti abbażi ta' dawn il-kriterji, l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ li jużaw d-data aggregata fil-livell tal-UE. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti individwali jistgħu jiffaċċjaw sfidi fir-rigward tal-ġbir u tal-aggregazzjoni tad-data rilevanti kollha mis-CSDs madwar l-UE. Barra minn hekk, tali approċċ jista' jwassal għal duplikazzjoni tal-isforzi għall-awtoritajiet kompetenti u jista' jiġġenera riskji fir-rigward tal-użu ta' data inkonsistenti.
3. Minħabba l-ħtieġa li tintuża data konsistenti aggregata fil-livell tal-UE għall-kalkolu tal-indikaturi abbażi tal-kriterji speċifikati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, l-ESMA ddeċidiet li toħroġ Linji gwida dwar il-proċess għall-ġbir, l-ipproċessar u l-aggregazzjoni tad-data u tal-informazzjoni meħtieġa għall-kalkolu tal-indikaturi biex tiġi ddeterminata l-importanza sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru ospitanti.
4. Filwaqt li jitqies il-kompitu tal-ESMA li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti ta' atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi għal kultura superviżorja komuni permezz tal-istabbiliment ta' prattiki konsistenti, effiċjenti u effettivi, l-ESMA jenħtieġ li jkollha rwol ta' koordinazzjoni fil-proċess ta' ċentralizzazzjoni u ta' aggregazzjoni tad-data rċevuta mis-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu l-kalkoli għall-indikaturi abbażi tad-data ċentralizzata u aggregata mill-ESMA.


---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).


<sup>2</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-parametri għall-kalkolu ta' penali fi flus għal fallimenti tas-saldu u l-operazzjonijiet tas-CSDs fi Stati Membri ospitanti (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 1-8)

5. Għalkemm l-indikaturi mhux se jiġu kkalkulati għall-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs (minħabba li dawn huma eżentati minn ċerti rekwiżiti tas-CSDR skont l-Artikolu 1(4) tas-CSDR), huwa importanti li l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs jibagħtu d-data rilevanti li se tintuża biex jiġu ddeterminati l-valuri għad-denominaturi, sabiex ikollhom stampa sħiħa tal-attività fil-livell tal-UE għall-indikaturi rispettivi.
6. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, il-linji gwida jikkjarifikaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-data li għandha tiġi rrapportata għall-fini tal-kalkolu tal-indikaturi rilevanti, billi jipprovdu eżempji dwar it-tipi ta' tranżazzjonijiet u operazzjonijiet li jenħtieġ li jiġu inklużi, kif ukoll eżempji dwar it-tipi ta' tranżazzjonijiet u operazzjonijiet li jenħtieġ li ma jiġux inklużi.
7. Fis-segwitu tal-istess objettiv, u b'mod partikolari biex jiġi żgurat approċċ armonizzat u konsistenti għar-rapportar tad-data madwar is-CSDs għall-fini tal-kalkolu tal-indikaturi abbażi tal-kriterji msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, dawn il-linji gwida jipproponu parametri komuni għar-rapportar ta' struzzjonijiet ta' saldu (jiġifieri mingħajr ma jsir għadd doppju tal-istruzzjonijiet ta' saldu skont il-mod li bih dawn jiġu ssaldati: permezz ta' konnessjonijiet ta' CSD jew le). Dawn il-parametri ma jaffettwawx l-applikazzjoni ta' regoli sostantivi relatati mas-saldu, inkluż b'rabta mad-Direttiva 98/26/KE u l-iġijiet dwar it-titoli nazzjonali u l-proprjetà.
8. Fir-rigward tad-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, dawn il-linji gwida jiddeskrivu proċess ġenerali li għandu jintuża għall-ġbir tad-data u l-kalkolu tal-indikaturi li jibdew mill-1 ta' Jannar 2018, kif ukoll proċess inizjali li għandu jintuża għall-ewwel applikazzjoni tal-proċess ġenerali fl-2017 li jkopri l-perjodu ta' rapportar tal-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016.

### Sommarju tal-Proċess Inizjali (li għandu jiġi applikat fl-2017)



## Sommarju tal-Proċess Ġenerali (li għandu jiġi applikat mill-1 ta' Jannar 2018)



## 2 Kontenut

- It-Taqsima II tinkludi t-test sħiħ tal-Linji Gwida dwar il-Proċess għall-Kalkolu tal-Indikaturi biex tiġi Ddeterminata l-Importanza Sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru Ospitanti.

## 3 Il-Passi li Jmiss

- Il-linji gwida fit-Taqsima II se jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u ppubblikati fuq is-sit web tal-ESMA.

## **II. Linji Gwida dwar il-Proċess għall-Kalkolu tal-Indikaturi biex tiġi Ddeterminata l-Importanza Sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru Ospitanti**

### **1 Kamp ta' applikazzjoni**

#### **Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti maħtura skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014<sup>3</sup> (CSDR).

#### **Xiex?**

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-proċess għall-ġbir, l-ipproċessar u l-aggregazzjoni tad-data u l-informazzjoni meħtieġa għall-kalkolu tal-indikaturi biex tiġi ddeterminata l-importanza sostanzjali ta' CSD għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u l-protezzjoni ta' investituri fi Stat Membru ospitanti, skont l-Artikolu 24(4) tas-CSDR.

#### **Meta?**

3. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 28/03/2018.

### **2 Definizzjonijiet**

4. It-termini użati f'dawn il-linji gwida għandhom l-istess tifsira bħal fis-CSDR, u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389<sup>4</sup>.

### **3 Għan**

5. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jiżguraw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24(4) tas-CSDR. B'mod partikolari, dawn jipprovdu gwida dwar il-proċess għall-ġbir, l-ipproċessar u l-aggregazzjoni ta' data u dwar l-informazzjoni meħtieġa għall-kalkolu tal-indikaturi biex tiġi ddeterminata l-importanza sostanzjali ta' CSD għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u l-protezzjoni ta' investituri fi Stat Membru ospitanti.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-parametri għall-kalkolu ta' penali fi flus għal fallimenti tas-saldu u l-operazzjonijiet tas-CSDs fi Stati Membri ospitanti (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 1-8)

## 4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

### 4.1 Status tal-linji gwida

6. Dan id-dokument jinkludi l-linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA<sup>5</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtiġilhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
7. L-awtoritajiet kompetenti li lilhom huma indirizzati dawn il-linji gwida jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom.

### 4.2 Rekwiżiti ta' rapportar

8. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom huma indirizzati dawn il-linji gwida jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-ESMA [fuq: [csdr.data@esma.europa.eu](mailto:csdr.data@esma.europa.eu)] jekk jikkonformawx jew humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, b'raġunijiet dwar għaliex hemm nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Madankollu, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel u f'waqtha tal-proċess għall-ġbir, l-ipproċessar u l-aggregazzjoni tad-data għall-kalkolu tal-indikaturi msemmija f'dawn il-linji gwida, huwa rakkomandat li l-awtoritajiet kompetenti jinnotifikaw lill-ESMA malajr kemm jista' jkun, u preferibbilment fi żmien ġimagħtejn mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-linji gwida.
9. Id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-linji gwida tfisser id-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.
10. Id-depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk humiex konformi ma' dawn il-linji gwida.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

## 5 Linji Gwida dwar id-determinazzjoni tal-importanza sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru ospitanti

### 5.1 Kamp ta' applikazzjoni tad-data li għandha tiġi rrapportata mis-CSDs

11. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li s-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs, jirrapportaw id-data u l-informazzjoni rilevanti fil-format ipprovdut f'mudelli inklużi fl-Anness. Il-lista ta' CSDs (inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs) speċifikata fil-mudelli inklużi fl-Anness jenħtieġ li tiġi aġġornata mill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi annwali.
12. Il-valuri kollha rrapportati mis-CSDs, inklużi l-Banek Ċentrali li jaġixxu bħala CSDs jenħtieġ li jiġu espressi f'EUR, u r-rati tal-kambju jenħtieġ li jiġu speċifikati. Ir-rati tal-kambju użati jenħtieġ li jkunu dawk validi għall-aħħar ġurnata tas-sena kalendarja li għaliha tiġi rrapportata d-data. Fejn disponibbli, ir-rata tal-kambju tal-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li tintuża għall-konverżjoni ta' muniti oħrajn f'euro.
13. Għall-finijiet tal-kriterji msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, is-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs, jenħtieġ li jużaw data li tappartjeni għat-titoli validi fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti, li jenħtieġ li ma tinkludix ħruġ ta' titoli kkanċellat.
14. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li s-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs, jużaw il-valur tas-suq għal kull ISIN, applikabbli fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti u identifikat skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, meta jiddeterminaw il-valur tas-suq għall-finijiet tal-indikaturi abbażi tal-kriterji msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389.
15. Id-data għall-indikaturi abbażi tal-kriterji msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 jenħtieġ li tinkludi valuri ta' struzzjonijiet ta' saldu mħallas minn kull CSD, abbażi tal-parametri tar-rapportar tad-data li ġejjin:
  - a) Id-data jenħtieġ li tinkludi valuri assoluti ta' saldu minn kull CSD li jkopru s-sena kalendarja preċedenti.
  - b) Il-kategoriji kollha ta' struzzjonijiet ta' saldu mħallas minn CSD jenħtieġ li jiġu inklużi, irrispettivament minn jekk humiex relatati mat-tranżazzjonijiet li jitwettqu f'post tan-negożjar jew fuq bażi OTC.
  - c) Għall-operazzjonijiet magħmula minn diversi tranżazzjonijiet, bħalma huma r-riakkwisti tat-titoli jew il-ftehimiet ta' self, iż-żewġ partijiet jenħtieġ li jiġu rrapportati ladarba jiġu ssaldati.
  - d) Fil-każ ta' saldu ġewwa CSD, is-CSD (CSD emittent jew CSD investitur) jenħtieġ li jirrapporta ż-żewġ partijiet ta' tranżazzjoni, jiġifieri jenħtieġ li jirrapporta ż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu rċevuti.
  - e) Fil-każ fejn aktar minn CSD wieħed ikunu involuti fis-saldu ta' tranżazzjoni permezz ta' konnessjonijiet standard, personalizzati jew indiretti, jenħtieġ li jirrapporta biss is-CSD (CSD emittent jew CSD investitur) li jħallas iż-żewġ partijiet tat-tranżazzjoni.



Dan jenħtiegħ li jirrapporta ż-żewġ struzzjonijiet ta' saldu rċevuti. Is-CSD investitur li "jħallas" biss parti waħda tat-tranżazzjoni jenħtiegħ li ma jirrapportax.

- f) Fil-każ ta' saldu CSD inkroċjat minn CSDs li jużaw infrastruttura ta' saldu komuni jew permezz ta' konnessjonijiet interoperabbli, kull CSD jenħtiegħ li jirrapporta l-istruzzjoni ta' saldu uniku rċevut b'rabta ma' tranżazzjoni.

16. L-istruzzjonijiet ta' saldu jistgħu jkunu relatati mat-tipi ta' tranżazzjonijiet li ġejjin:

- a) xiri jew bejgħ ta' titoli (inkluż xiri jew bejgħ ta' titoli tas-suq primarju);
- b) operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-kollateral (inklużi operazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-kollateral triparti jew operazzjonijiet tal-awtokollateralizzazzjoni);
- c) operazzjonijiet ta' self ta' titoli;
- d) tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid;
- e) oħrajn (inklużi azzjonijiet korporattivi fuq il-flussi, jiġifieri pretensjonijiet u trasformazzjonijiet tas-suq).

17. It-tipi ta' tranżazzjonijiet li ġejjin jenħtiegħ li jitqiesu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar:

- a) azzjonijiet korporattivi fuq l-istokk, bħalma huma d-distribuzzjonijiet ta' flus (eż. dividend fi flus kontanti, pagament tal-imgħax), distribuzzjonijiet tat-titoli (eż. dividend fi stokks; ħruġ ta' ishma bonus), riorganizzazzjonijiet (eż. konverżjoni, qsim ta' azzjonijiet, ħlas lura, offerta ta' prezz);
- b) operazzjonijiet tas-suq primarju, jiġifieri l-proċess ta' ħolqien inizjali ta' titoli;
- c) il-ħolqien u l-ħlas lura ta' unitajiet ta' fondi, jiġifieri l-ħolqien tekniku u l-ħlas lura ta' unitajiet ta' fondi, sakemm tali ħolqien u ħlas lura ta' unitajiet ta' fondi ma jsirux permezz ta' ordnijiet ta' trasferiment f'sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD;
- d) operazzjonijiet ta' allinjament mill-ġdid.

18. Id-determinazzjoni tal-valuri tas-suq għal struzzjonijiet ta' saldu mingħajr ħlas (FOP), kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 jenħtiegħ li tkun ibbażata fuq il-valuri b'effett mill-ġurnata ta' saldu ta' kull struzzjoni ta' saldu.

19. Il-pajjiż tal-istabbiliment tal-emittent jenħtiegħ li jitqies fir-rigward tal-kriterju msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389.

20. Il-ġurisdizzjoni fejn il-kumpanija omm tkun stabbilita jenħtiegħ li titqies f'każ li l-parteċipanti u detenturi oħrajn tal-kontijiet tat-titoli msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) u fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 ikunu fergħat.

21. Id-data li għandha tiġi rrapportata minn CSD jenħtiegħ li tkopri wkoll is-servizzi pprovduti fir-rigward tal-Istat Membru tad-domiċilju, peress li din id-data hija meħtieġa sabiex jiġu kkalkulati d-denominaturi fil-livell tal-UE għad-diversi indikaturi (eż. għall-fini tal-kriterju msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, id-data li għandha tiġi rrapportata minn CSD jenħtiegħ li tkopri titoli maħruġa

minn emittenti mill-Istat Membru tad-domiċilju tas-CSD, u mhux biss titoli maħruġa minn emittenti minn Stati Membri ospitanti).

## 5.2 Proċess ġenerali għall-ġbir ta' informazzjoni dwar id-data u l-kalkolu tal-indikaturi biex tiġi ddeterminata l-importanza sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru ospitanti

22. Il-proċess ġenerali propost f'din it-taqsimha jenħtieġ li jiġi applikat mill-1 ta' Jannar 2018.
23. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li s-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs, jirrapportaw id-data u l-informazzjoni rilevanti għas-sena kalendarja preċedenti, li hija meħtieġa għall-kalkolu tal-indikaturi abbażi tal-kriterji speċifikati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 5 u 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, lillhom, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena (jiġifieri jenħtieġ li tintuża d-data mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti).
24. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li, qabel id-data tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 (sentejn wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE), is-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs, jenħtieġ li jibagħtu biss l-informazzjoni rilevanti għall-kriterji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1) u fil-punt (c) tal-Artikolu 6(1) tar-regolament lill-awtoritajiet kompetenti.
25. Wara li jirrevedu d-data, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jibagħtu lill-ESMA d-data rċevuta mis-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs, sal-25 ta' Frar ta' kull sena.
26. Kull awtorità kompetenti jenħtieġ li twettaq il-kalkolu għall-indikaturi abbażi tal-kriterji msemmija fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 (kif applikabbli, fir-rigward ta' kull CSD li għalih awtorità kompetenti tkun l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju), mal-wasla tad-data li ġejja mill-ESMA sal-31 ta' Marzu ta' kull sena:
  - a) id-data kollha rċevuta mill-awtoritajiet kompetenti individwali;
  - b) id-data li tiġbor flimkien il-valuri għad-denominaturi tal-indikaturi abbażi tal-kriterji msemmija fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, kif applikabbli.
27. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jibagħtu lill-ESMA r-riżultati tal-kalkolu fir-rigward tal-indikaturi abbażi tal-kriterji msemmija fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389, kif applikabbli, sal-15 ta' April ta' kull sena, sabiex l-ESMA tkun tista' tikkondividi din l-informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kollha sat-30 ta' April ta' kull sena.

28. Il-proċess ġenerali speċifikat f'din it-taqsimha jenħtieġ li jintuża wkoll ladarba l-kriterji msemmija fl-Artikolu 5(1)(b) u fl-Artikolu 6(1)(a) u (b) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 isiru applikabbli skont l-Artikolu 8(2) tar-regolament.

### 5.3 Proċess inizjali għall-ġbir tal-informazzjoni dwar id-data u l-kalkolu tal-indikaturi biex tiġi ddeterminata l-importanza sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru ospitanti

29. Għall-ewwel applikazzjoni tal-proċess ġenerali fl-2017 li tkopri l-perjodu ta' rapportar tal-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016, is-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs, kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li japplikaw il-proċess ġenerali billi jużaw id-dati li ġejjin, fejn kull data hija kkalkulata mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-linji gwida:

- a) is-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs, jenħtieġ li jirrapportaw id-data rilevanti meħtieġa għall-kalkolu tal-indikaturi abbażi tal-kriterji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1) u fil-punt (c) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien erba' ġimgħat;
- b) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jibagħtu lill-ESMA d-data rċevuta mis-CSDs, inklużi l-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs, fi żmien sitt ġimgħat, sabiex l-ESMA tkun tista' tibgħat lill-awtoritajiet kompetenti d-data aggregata, kif ukoll id-data individwali rċevuta minn kull awtorità kompetenti, fi żmien tmien ġimgħat;
- c) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jibagħtu r-riżultati għall-indikaturi abbażi tal-kriterji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1) u fil-punt (c) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 (fir-rigward ta' kull CSD li għalih huma l-awtorità kompetenti tal-Istati Membru tad-domiċilju) lill-ESMA fi żmien disa' ġimgħat, sabiex l-ESMA tkun tista' tikkondividi din l-informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fi żmien għaxar ġimgħat.

## **6 Anness**

### 6.1 Mudelli għall-ġbir ta' data għall-indikaturi ta' importanza sostanzjali